

Brussell, 14 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

16066/22

FISC 265  
ECOFIN 1339  
CODEC 2027

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 717 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-evalwazzjoni finali tal-programm Fiscalis 2020

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 717 final.

Mehmuż: COM(2022) 717 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.12.2022  
COM(2022) 717 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-evalwazzjoni finali tal-programm Fiscalis 2020**

{SWD(2022) 406 final}

## SFOND

Il-programm Fiscalis 2020 ġie stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1286/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni sabiex *“jittejjeb il-funzjonament tajjeb tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi parteċipanti, l-awtoritajiet tat-taxxa u l-uffiċjali tagħhom”*<sup>1</sup>. Il-programm isegwi programmi simili preċedenti<sup>2</sup>. Bejn l-2014 u l-2020, kien wieħed mill-għodod ewlenin użati sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni koerenti tad-dritt tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, billi jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni, l-appoġġ għall-kooperazzjoni amministrattiva u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi parteċipanti.

F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament, il-Kummissjoni, meġġuna minn evalwaturi esterni indipendenti, wettqet studju sabiex tappoġġa l-evalwazzjoni finali tal-programm, bħalma kienet għamlet fl-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu<sup>3</sup>. Ir-riżultati dettaljati tal-evalwazzjoni huma ppreżentati fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport u jikkostitwixxu l-bażi għal dan ir-rapport. L-għan tal-evalwazzjoni finali huwa li tivvaluta l-prestazzjoni tal-programm mill-2014 sal-2020<sup>4</sup> u sa liema punt ir-riżultati miksuba se jiġu sostnuti fit-tul. L-ambitu tal-evalwazzjoni jkopri s-snin ta' attività tal-programm (2014-2020) u jinkorpora s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu mwettqa fl-2018. L-evalwazzjoni finali tivvaluta l-grad sa fejn dawk is-sejbiet ġew implimentati u rriżultaw f'titjib. L-evalwazzjoni kopriet il-pajjiżi parteċipanti kollha, jiġifieri l-Istati Membri tal-UE<sup>5</sup>, il-pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija) u l-kandidati potenzjali (il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo\*). L-evalwazzjoni tqis il-firxa sħiħa ta' attivitajiet iffinanzjati u ta' ġestjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (amministrazzjonijiet nazzjonali, servizzi tal-Kummissjoni u operaturi ekonomiċi) mill-pajjiżi parteċipanti kollha.

Ir-rapport attwali għandu l-għan li jippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni finali dwar: (i) l-effettività, jiġifieri sa liema punt il-programm kiseb l-iskop tiegħu; (ii) l-effiċjenza, jiġifieri sa

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 25.

<sup>2</sup> Il-programm Fiscalis 2020 inbena fuq programmi preċedenti. L-ewwel programm kien imsejjaħ Matthaues-Tax, beda f'Ottubru 1993 u baqa' għaddej sal-aħħar ta' Diċembru 1995. Mogħti l-isem ġdid Fiscalis, issa kien hemm erba' programmi Fiscalis, inkluż dak evalwat hawnhekk: l-ewwel programm Fiscalis (1998-2002); it-tieni programm Fiscalis (2003-2007); it-tielet programm Fiscalis (2008-2013) u r-raba' programm Fiscalis (2014-2020) jew Fiscalis 2020 evalwat hawnhekk. Ir-Regolament (UE) 2021/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-programm “Fiscalis” għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni mill-2021 sal-2027 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1286/2013.

<sup>3</sup> [Fiscalis 2020 mid-term evaluation SWD \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/swd/fiscalis-2020-mid-term-evaluation)

<sup>4</sup> Numru ta' attivitajiet tal-programm Fiscalis tal-2020 ikompli fl-2021 peress li l-biċċa l-kbira tal-ftehimiet ta' għotja ġew estżi għall-2021.

<sup>5</sup> Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE u mill-1 ta' Frar 2020 sar pajjiż terz. Għalhekk, dan tqies bħala pajjiż tal-UE parteċipanti għall-biċċa l-kbira tad-durata tal-programm. B'kollox, 35 pajjiż kienu jaqgħu fi ħdan il-qafas Fiscalis 2020: is-27 Stat Membru tal-UE flimkien mar-Renju Unit waqt li kien Stat Membru tal-UE u 7 pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali.

liema punt il-programm kiseb l-iskop tiegħu fir-rigward tar-riżorsi użati; (iii) il-koerenza tal-programm mal-politiki u mal-prijoritajiet usa' tal-UE; (iv) il-valur miżjud ta' dan l-intervent fil-livell tal-UE u kif għamel differenza u (v) ir-rilevanza tal-programm.

## **1. EFFETTIVITÀ: IL-PUNT SA FEJN IL-PROGRAMM KISEB L-ISKOP TIEGĦU**

Il-programm għandu l-għan li jappoġġa l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern billi jiżgura l-iskambju ta' informazzjoni, jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva u jsaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi parteċipanti, li min-naħa tiegħu jista' jappoġġa l-implimentazzjoni koerenti tad-dritt tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

L-evidenza miġbura fl-ambitu tal-evalwazzjoni kkonfermat li l-Programm Fiscalis 2020 kien **strument ewlieni** sabiex jappoġġa l-ilħuq ta' tali objettivi. Il-programm kien kruċjali: a) **għall-iżvilupp u l-funzjonament tas-sistemi ta' informazzjoni Ewropej (IES) li jippermettu** bażi komuni/armonizzata għall-iskambju awtomatiku u sigur ta' informazzjoni, **l-istandardizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri**; b) fil-forniment ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet konġunti li **ħolqu ambjent kollaborattiv li fih l-awtoritajiet ħadmu flimkien, skambjaw l-għarfien u identifikaw l-aħjar Prattiki** rigward il-proċeduri u l-linji gwida amministrattivi, id-dritt tal-UE u s-sistemi tal-IT; u c) **fl-għoti ta' taħriġ li tejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi tal-persunal u l-kapaċità amministrattiva.**

B'dan il-mod, il-programm ikkontribwixxa **għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa** peress li l-kwalità u l-ambitu tal-informazzjoni permessa mill-infrastruttura tal-IT iffinanzjata minn Fiscalis u mis-sistemi tal-IT ippermettew kontrolli transfruntiera li identifikaw tranżazzjonijiet frodulententi potenzjali, li jwasslu għal azzjoni konġunta mill-awtoritajiet. Dawk intervistati qalu wkoll li l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni permess mill-IES ħadem bħala deterrent għal imġiba frodulententi u b'hekk ikkontribwixxa għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-IES naqqset ukoll il-kostijiet tal-konformità u żiedet iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, u żiedet il-konformità ġenerali mill-ikontribwenti u ppermettiet lill-awtoritajiet u lill-operaturi ekonomiċi jnaqqsu ż-żmien u r-riżorsi meħtieġa sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, madwar 44 % tal-proposti ta' azzjoni konġunta kollha ppreżentati kienu marbuta mal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Studji tal-każ issuġġerew li Fiscalis, b'riżultat ta' dan, seta' kkontribwixxa għal dħul mit-taxxa addizzjonali.

Il-programm iffaċilita wkoll **fehim aħjar u kondiviż tal-liġi tat-taxxa tal-UE** kemm fost l-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll fost l-operaturi ekonomiċi, li jikkontribwixxi għall-**implimentazzjoni aktar faċli u koerenti tagħha**. L-azzjonijiet konġunti u l-moduli ta' taħriġ direttament maħsuba sabiex itejbu l-fehim u l-implimentazzjoni tal-liġi tat-tassazzjoni tal-Unjoni, tqiesu utli ħafna u kisbu r-riżultat maħsub tagħhom. B'mod aktar ġenerali, il-programm bena wkoll fiduċja bejn l-uffiċjali, filwaqt li ppromwova skambji li komplew lil hinn mill-attivitajiet

speċifiċi tal-programm. B'mod ġenerali, dan ikkontribwixxa għall-funzjonament tajjeb tas-sistemi tat-taxxa fl-UE.

Fir-rigward tal-**iskambju sigur tad-data** bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali u mal-operaturi ekonomiċi u ma' awtoritajiet governattivi oħrajn, wieħed jista' jara li **l-volum tad-data skambjata żdied b'mod kostanti mill-2014**, u laħaq it-32,23 terabyte fl-2019 meta mqabbel ma' 4,3 terabyte biss fl-2014. L-IES għenet lill-Istati Membri jikkomunikaw ma' xulxin b'mod sigur u effiċjenti u għalhekk **in-numru ta' messaġġi skambjati bejn l-amministrazzjonijiet permezz tad-diversi sistemi appoġġati mill-programm żdied b'mod sinifikanti u kontinwu mill-2014**<sup>6</sup>. Barra minn hekk, **il-piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u għan-negozji naqas u l-kostijiet tal-konformità għan-negozju nstabu li kienu 95 % anqas** għal dawk li jużaw is-sistema tal-IT rilevanti meta mqabbla ma' dawk li ma użawx din is-sistema.

**Fir-rigward tal-azzjonijiet konġunti**, matul il-perjodu 2014-2020 saru aktar minn 1 500 azzjoni konġunta, li jinkludu aktar minn 3 500 avveniment. In-numru ta' parteċipanti fl-azzjonijiet konġunti ta' Fiscalis 2020 baqa' f'livell kostanti għoli, li wassal b'mod kumplessiv għal aktar minn 30 000 parteċipant. Intużaw **żjarat ta' ħidma** għall-uffiċjali sabiex jiksbu jew iżidu l-għarfien espert jew l-għarfien dwar it-taxxa. L-Istati Membri skambjaw ukoll l-għarfien u l-esperjenzi dwar it-taxxa permezz ta' **gruppi ta' proġetti**, li spiss jintużaw sabiex tiġi diskussa, żviluppata u implimentata l-IES. Il-**workshops**, għalkemm użati anqas ta' spiss, fittxew li jtejbu l-proċeduri tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa. L-**azzjonijiet ta' bini tal-kapaċitajiet** kienu jikkonsistu prinċipalment minn assistenza teknika lil ftit Stati Membri. Il-**kontrolli multilaterali u l-parteċipazzjoni f'inkjesti amministrattivi** huma eżempji ta' kooperazzjoni amministrattiva diretta bejn l-awtoritajiet tat-taxxa. Filwaqt li kienu anqas komuni, kien hemm gruppi ta' ħidma u seminars għal sistemi speċifiċi tal-IT jew għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-liġi tat-tassazzjoni tal-UE.

Il-parteċipanti u l-manigiers tal-azzjoni ta' azzjonijiet konġunti kienu pożittivi dwar l-effettività u l-utilità tagħhom. Dawk intervistati indikaw li l-azzjonijiet kollha kienu utli u rawmu apprendiment reċiproku. 93 % tar-rispondenti qablu li l-parteċipazzjoni tagħhom f'azzjonijiet konġunti pprovdiet opportunità tajba għalihom sabiex jespandu n-network tagħhom ta' uffiċjali barra mill-pajjiż (u l-kuntatti magħhom). 95 % **tal-parteċipanti rrapportaw li qasmu l-esperjenzi tagħhom u 77 % minnhom iddikjaraw li dawn l-iskambji kienu wasslu għal bidliet/titjib fil-prattiki ta' ħidma tal-amministrazzjonijiet tagħhom**. Wieħed għandu jinnota li fl-2020, b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, ir-rata ta' parteċipazzjoni rat xi tnaqqis minħabba r-restrizzjonijiet imposti u sa, ftit wara, l-attivitajiet online ssostitwew dawk fiżiċi.

---

<sup>6</sup> Pereżempju, 14 000 messaġġ fl-2020 meta mqabbel ma' 12 800 messaġġ fl-2017 għal sistemi relatati mad-DAC1; 29 700 messaġġ fl-2020 meta mqabbel ma' 4 600 biss fl-2017 għas-sistemi DAC2; 992 292 messaġġ fl-2020 meta mqabbel ma' 689 839 messaġġ fl-2017 għas-sistema MOSS.

Il-maġġoranza l-kbira tal-koordinaturi ta' Fiscalis intervistati qiesu li **t-taħriġ** huwa kruċjali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet amministrattivi tal-amministrazzjonijiet. Il-Kummissjoni akkwistat 267 modulu tal-e-Apprendiment tal-UE u organizzat 141 sessjoni ta' taħriġ għall-ħiliet u l-kompetenzi għas-sistemi tal-IT. Il-punteġġi tal-kwalità tat-taħriġ tal-parteċipanti kienu għoljin (punteġġ medju ta' 72,7 minn skala ta' 0-100). Bl-istess mod, is-sehem tal-uffiċjali tat-taxxa li sabu li t-taħriġ tal-IT issodisfa l-aspettattivi tagħhom jew kien utli huwa konsistentement aktar minn 90 %. In-numru ta' uffiċjali tat-taxxa mħarrġa qiegħed jikber, peress li aktar u aktar uffiċjali tat-taxxa ġew imħarrġa bl-użu ta' materjali komuni tal-UE anke f'kontesti nazzjonali. **Moduli ta' e-Apprendiment ħarrġu lil madwar 130 500 parteċipant mill-awtoritajiet tat-taxxa u kważi miljun persuna oħra min-negozji u mill-pubbliku.**

Wieħed għandu jinnota li l-pajjiżi mhux tal-UE intervistati apprezzaw ukoll l-azzjonijiet konġunti għall-opportunitajiet ta' networking, iżda ħassew li ma kinux qegħdin jindirizzaw biżżejjed il-ħtiġijiet tagħhom, peress li l-azzjonijiet jagħtu prijorità lill-pajjiżi tal-UE u kienu ċċentrati fuq l-IES li għaliha l-pajjiżi kandidati ma għandhom l-ebda aċċess.

## **2. EFFIĊJENZA: IL-PUNT SA FEJN IL-PROGRAMM KISEB L-ISKOP TIEGĦU FIR-RIGWARD TAR-RIŻORSI UŻATI**

Fl-evalwazzjoni tal-effiċjenza, l-istudju estern ħares lejn sa liema punt ir-riżorsi tal-programm kienu kisbu r-riżultati maħsuba bl-anqas spejjeż possibbli. Sar tentattiv sabiex jiġu stmati l-kostijiet u l-benefiċċji, u meta possibbli sabiex dawn jiġu monetizzati. Filwaqt li l-kostijiet huma disponibbli, huwa aktar diffiċli sabiex jiġu kkwantifikati l-benefiċċji. Id-definizzjoni tal-benefiċċji ġiet iddefinita wkoll mill-intervisti li saru mal-partijiet ikkonċernati tal-programm.

Il-programm Fiscalis 2020 impenja baġit ta' madwar EUR 222 miljun għall-perjodu 2014-2020. **Madwar 75 % tal-baġit intefaq fuq l-iżvilupp, iż-żamma u t-tħaddim tal-IES għal finijiet ta' tassazzjoni (EUR 168 miljun).** Barra minn hekk, l-Istati Membri ġarrbu wkoll kostijiet għall-akkwist, għall-iżvilupp, għall-installazzjoni, għaż-żamma u għat-tħaddim ta' kuljum tal-komponenti nazzjonali tal-IES. Partijiet ikkonċernati oħrajn (eż. negozji, istituzzjonijiet finanzjarji) jistgħu indirettament iġarrbu kostijiet għal dawn is-sistemi. Din l-infrastruttura u dawn is-sistemi komuni tal-IT huma b'mod evidenti intensivi fir-riżorsi. Madankollu, huma indispensabbli għall-ħidma ta' kuljum tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u jgħibu firxa ta' benefiċċji fl-oqsma kollha tal-attivitajiet doganali. L-istudji tal-każ imwettqa bħala parti minn din l-evalwazzjoni żvelaw eżempji konkreti ta' benefiċċji li jisbqu l-kostijiet għal sistemi speċifiċi. L-IES standardizzat u ssimplifikat il-proċeduri u naqqset il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet u għan-negozji, naqqset il-kostijiet ta' konformità għan-negozji, u għenet sabiex jiġu identifikati t-tranżazzjonijiet frodulenti potenzjali. Bl-iżvilupp u t-tħaddim tal-komponenti komuni għall-IES, il-programm fil-livell tal-UE wassal għal ekonomiji ta' skala importanti, żgura l-interoperabbiltà u evita sforzi doppji għall-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, l-IES ippermettiet l-iskambju sigur ta' informazzjoni, appoġġat il-kooperazzjoni amministrattiva u l-kapaċità amministrattiva, u ffaċilitat implimentazzjoni aktar effettiva u applikazzjoni konsistenti

tad-dritt tal-UE dwar it-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evalwazzjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-evalwazzjoni pprovdiet stampa ġenerali pożittiva tal-effiċjenza tagħhom.

**Il-programm Fiscalis 2020 ipprovda appoġġ finanzjarju għal firxa wiesgħa ta' azzjonijiet konġunti, li rrappreżentaw madwar EUR 33 miljun (15 % tal-finanzjament kollu tal-programm). Abbażi tar-riżultati tal-istħarriġiet, l-evalwazzjoni ġġudikat li l-azzjonijiet konġunti b'mod ġenerali taw kontribut qawwi għall-obiettivi tal-programm.** L-azzjonijiet konġunti kienu jinkludu seminars, workshops, gruppi ta' proġetti, kontrolli bilaterali jew multilaterali, attivitajiet oħrajn ta' kooperazzjoni amministrattiva, żjarat ta' ħidma, PAOEs, attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u timijiet ta' esperti. Kif intqal, b'mod ġenerali kien hemm aktar minn 30 000 parteċipant. Bl-eċċezzjoni tat-timijiet ta' esperti, sabiex jiġi żgurat l-involvement sħiħ tal-pajjiżi parteċipanti, ir-rimborż fil-livell ta' 100 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u l-kost marbut mal-organizzazzjoni tal-avvenimenti u l-gratifikasi ta' kuljum kienu possibbli meta kien meħtieġ li jintlaħqu bis-sħiħ l-obiettivi ta' Fiscalis 2020<sup>7</sup>. Il-kost medju għal kull parteċipant għal kull azzjoni għat-tipi kollha ta' azzjonijiet konġunti (bl-eċċezzjoni tat-timijiet ta' esperti) baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu bi tnaqqis ġenerali żgħir fi snin aktar reċenti, li forsi jista' jindika effiċjenza mtejba. Ir-riżultati regolari tal-istħarriġ tal-programm Fiscalis kienu pożittivi ħafna, u dan jissuġġerixxi li l-benefiċċji tal-azzjonijiet huma għoljin għal dawk involuti. Il-maġġoranza tal-awtoritajiet tat-taxxa qablu li l-benefiċċji kienu jisbqu l-kostijiet. L-investimenti f'azzjonijiet konġunti tqiesu bħala utli u kosteffettivi meta jitqiesu l-kostijiet meta mqabbla mal-eżiti miksuba. Il-parteċipazzjoni f'timijiet ta' esperti ma kinitx kompletament rimborżabbli minn Fiscalis 2020 (l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza ġew rimborżati bis-sħiħ, filwaqt li 50 % biss tal-kostijiet tal-persunal kienu koperti). Madankollu, dawn it-timijiet ta' esperti kienu kruċjali fl-iżvilupp ta' xi wħud mis-sistemi tal-IT ta' Fiscalis li għandhom imnejn ma kinux jeżistu mingħajrhom. Dawn jipprovdu l-opportunità għall-Istati Membri sabiex jiġbru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien espert, aktar milli jaġixxu b'mod separat. Għalhekk, dawn kienu pjuttost kosteffettivi. B'mod ġenerali, l-azzjonijiet konġunti saħħew il-kooperazzjoni u l-kapaċità amministrattiva u tejbju r-relazzjonijiet ta' ħidma fost il-parteċipanti. Dawn għenu fl-iskambju tal-esperjenzi u fl-identifikazzjoni tal-aħjar Prattiki għall-proċeduri amministrattivi u min-naħa tagħhom appoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxa u ż-żieda fil-konformità.

**Madwar EUR 6,9 miljun ġew impenjati għat-taħriġ dwar it-taxxa komuni.** Il-maġġoranza tal-baġit għat-taħriġ ta' Fiscalis 2020 (EUR 4,7 miljun) ġiet allokata għal moduli ta' e-Apprendiment. Dawn il-moduli ħarrġu lil 130 470 individwu mill-awtoritajiet tat-taxxa u lil 941 938 persuna oħra min-negozji u mill-pubbliku. Għalhekk, il-moduli ta' taħriġ jiswew EUR 4,9

---

<sup>7</sup> Wieħed għandu jinnota li l-finanzjament huwa relatat mal-aspett kollaborattiv tal-azzjonijiet konġunti, jiġifieri l-finanzjament jippermetti li l-azzjoni sseħħ jekk tkun fil-mandat tal-programm, iżda f'ħafna każijiet l-awtoritajiet nazzjonali huma fil-bieċa l-kbira jew kompletament responsabbli għall-organizzazzjoni tal-azzjoni. Il-Kummissjoni tista' taġixxi bħala l-inizjatur tal-Gruppi, tal-Workshops u tas-Seminars ta' Proġetti ta' Fiscalis filwaqt li bl-MLCs, ma hemm l-ebda parteċipazzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet fil-bażi ġuridika rilevanti tal-MLC.

għal kull persuna mħarrġa, li huwa prezz baxx ħafna. L-awtoritajiet tat-taxxa ddeskrivew l-e-Apprendiment bħala utli u effettiv fiż-żieda tal-kapaċità tagħhom, kif ukoll bħala utli għal partijiet ikkonċernati oħrajn. Attivitajiet oħrajn ta' taħriġ ta' Fiscalis li jseħħu bħala parti minn gruppi ta' proġetti jew attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet (b'mod partikolari taħriġ tal-IT) tqiesu li żiedu l-kapaċità amministrattiva tagħhom u ffaċilitaw il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa.

Wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, kien hemm sforzi sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tad-dokumentazzjoni assoċjati mat-tgħaqdid, mal-bidu u mal-għoti ta' feedback dwar azzjonijiet konġunti u sabiex jiġu ottimizzati l-proċeduri u r-riżorsi għal azzjonijiet konġunti u sabiex l-ammont ta' xogħol jinżamm maniġġabbli, li jidher li huwa viżibbli fl-aħħar nofs ta' Fiscalis 2020, peress li l-ebda pajjiż parteċipanti ma kkunsidra l-piż kbir wisq meta mqabbel mal-benefiċċji tiegħu. Wieħed għandu jinnota li xi awtoritajiet mhux tal-UE ssuġġerew li l-kostijiet tagħhom huma relattivament għoljin, meta wieħed iqis sa liema punt jistgħu jipparteċipaw. Dawn jaraw valur addizzjonali jekk ikunu jistgħu jaċċessaw aktar aspetti minn dawn l-azzjonijiet.

### **3. KOERENZA: IL-KOERENZA TAL-PROGRAMM MAL-POLITIKI U MAL-PRIJORITAJIET USA' TAL-UE**

L-eżerċizzju ta' evalwazzjoni analizza sa liema punt Fiscalis 2020 kien koerenti ma' politiki usa' tal-UE u ma' programmi oħrajn ta' finanzjament tal-UE. L-evalwazzjoni finali kkonfermat il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Fiscalis 2020, jiġifieri li **l-azzjonijiet tal-programm kienu allinjati mal-prijoritajiet strateġiċi ġenerali tal-Kummissjoni u koerenti magħhom**. Jidher ukoll li hemm **koerenza bejn Fiscalis 2020 u strumenti simili oħrajn**.

L-oġġettivi ta' Fiscalis 2020 huma allinjati b'mod ċar mal-prijorità tal-Kummissjoni "**Ekonomija għas-servizz tan-nies**", li għandha l-għan li "...tindirizza l-abbuż tat-taxxa, tiżgura dħul sostenibbli u tappoġġa ambjent tan-negozju aħjar fis-Suq Uniku." Barra minn hekk, l-azzjonijiet iffinanzjati minn Fiscalis 2020 huma koerenti mal-prijorità tal-Kummissjoni "**Ewropa lesta għall-era diġitali**", li taħtha l-Kummissjoni għandha l-għan li timmodernizza l-amministrazzjonijiet pubbliċi. Fiscalis iffinanzja l-iżvilupp, it-titjib u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-IT u tas-sistemi tal-IT li jistgħu jtejbju l-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-pajjiżi parteċipanti. Aktar reċentement, il-Kummissjoni ppubblikat il-**Pakkett għal tassazzjoni ġusta u sempliċi** tal-2020 li fih 25 inizjattiva ta' tassazzjoni sabiex tappoġġa l-irkupru ekonomiku u t-tranżizzjoni f'ekonomija ekoloġika u diġitali<sup>8</sup>. Is-suċċessur tal-programm Fiscalis se jkun jista' jappoġġa inizjattivi bħal dawn.

L-evalwazzjoni sabet li l-**programm appoġġa programmi oħrajn tal-UE u bbenefika minnhom**. Jeżistu komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-programm Fiscalis 2020 u l-

---

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li Tappoġġa l-Istrateġija ta' Rkupru: [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/sites/default/files/2020\\_tax\\_package\\_tax\\_action\\_plan\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/default/files/2020_tax_package_tax_action_plan_en.pdf)

**programm Dwana 2020.** Hemm titjib fl-effiċjenza dderivat mill-ġestjoni tal-Kummissjoni taż-żewġ sistemi flimkien. Diversi karatteristiċi operazzjonali huma kofinanzjati miż-żewġ programmi u huma disponibbli kemm għall-amministrazzjonijiet doganali kif ukoll għal dawk tat-taxxa. Dan huwa l-każ għal sistemi ewlenin tal-infrastruttura tal-IT bħan-NKK jew materjali komuni ta' taħriġ. Jistgħu jiġu esplorati l-ekonomiji ta' skala u l-kompatibbiltà tas-sistema filwaqt li jippermetti lill-amministrazzjonijiet doganali u tat-taxxa jiskambjaw informazzjoni u jaqsmu l-għarfien aħjar. Fiscalis 2020 kien komplimentari wkoll għall-**Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) 2017-2020** u ġew identifikati sinerġiji. Pereżempju, l-isfidi identifikati permezz ta' azzjonijiet konġunti mbagħad jistgħu jirċievu appoġġ tekniku mfassal apposta mill-SRSP. Jeżistu wkoll komplementarjetajiet bejn Fiscalis 2020 u l-**programm Erkole III** ġestit mill-Uffiċċju tal-UE kontra l-Frodi (OLAF), mingħajr ma jkun hemm duplikazzjoni. Madankollu, minkejja l-komplementarjetà tagħhom, jidher li hemm limitazzjoni fil-kooperazzjoni attiva jew fis-sinerġiji mfittxija b'mod attiv bejn iż-żewġ programmi.

Il-programm Fiscalis **għandu wkoll rwol fil-programmi għal pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali bħat-TAIEX, u huwa koerenti magħhom.** Seba' Stati Membri mhux tal-UE pparteċipaw fl-azzjonijiet konġunti u fl-attivitajiet ta' taħriġ ta' Fiscalis 2020 u, bħala tali, l-għarfien u l-aħjar prattiki ġew skambjati mal-pajjiżi tal-UE. Dan wassal għal riformi fi Stati Membri mhux tal-UE, li jappoġġaw il-proċess ta' adeżjoni u jgħinu fil-bini tal-fiduċja u l-avvjament bejn il-pajjiżi. Dawk intervistati mill-pajjiżi kandidati enfasizzaw il-benefiċċji tal-aċċess għaż-żewġ strumenti, peress li Fiscalis tqies aktar flessibbli, u pprova eżiti għal żmien qasir, filwaqt li t-TAIEX ippermetta lill-Istati Membri mhux tal-UE jsegwu proċessi ta' riforma għal żmien itwal.

Intużaw diversi mekkaniżmi sabiex tiġi żgurata din il-koerenza fost programmi differenti tal-UE inklużi laqgħat ibejn is-servizzi, konsultazzjonijiet bejn is-servizzi, parteċipazzjoni ta' osservaturi minn diversi servizzi tal-Kummissjoni f'laqgħat jew attivitajiet tal-grupp ta' proġetti, kondiviżjoni ta' programmi ta' ħidma jew il-valutazzjoni ta' proposti ta' proġetti minn uffiċjali minn servizzi differenti tal-Kummissjoni. Minkejja r-riżultati pożittivi osservati, l-evalwazzjoni sabet lok għal aktar komplementarjetajiet u sinerġiji f'ċerti oqsma bħas-suċċessur tal-programm Erkole III.

#### **4. IL-VALUR MIŻJUD TAL-UE TAL-PROGRAMM**

L-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni taqa' f'idejn l-Istati Membri. Miżuri ta' appoġġ bħal dawk previsti mill-programm Fiscalis 2020 jistgħu jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat li d-dritt tal-UE jiġi applikat b'mod aktar koerenti u konsistenti fil-livell nazzjonali.

Il-programm Fiscalis 2020 **ippreveda s-sostenibbiltà finanzjarja tal-IES, li huma kruċjali sabiex jiġi żgurati d-disponibbiltà u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni.** L-infrastruttura u s-sistemi tal-IT għamli l-konformità eħfef u aktar effettiva. B'dan il-mod, il-programm ġab ekonomiji ta' skala u titjib fl-effiċjenza u livelli ta' sigurtà addizzjonali, li għenu lill-

amministrazzjonijiet nazzjonali (u lill-operaturi ekonomiċi) jiffrankaw il-ħin u r-riżorsi, b'mod partikolari għall-pajjiżi parteċipanti b'amministrazzjonijiet tat-taxxa iżgħar u b'anqas riżorsi. L-interoperabbiltà u l-interkonnnettività tal-infrastruttura u s-sistemi tal-IT ċentrali u l-karatteristiċi simbjotiċi tagħhom jikkostitwixxu valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-IES appoġġa lill-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa sabiex jimmodernizzaw u jiddiġitalizzaw is-sistemi u l-ġhodod interni tagħhom.

L-azzjonijiet konġunti pprovdew valur miżjud konsiderevoli tal-UE u jagħtu lill-amministrazzjonijiet **opportunitajiet mhux ekwi għall-kooperazzjoni, għall-komunikazzjoni u għan-networking**. Workshops, seminars, żjarat ta' ħidma, fost l-oħrajn, ġabru għarfien espert u għarfien tal-pajjiżi parteċipanti, għenu lill-awtoritajiet nazzjonali jiksbu fehim aħjar tad-dritt tal-UE, u appoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT. Dawn għenu sabiex tinbena l-fiduċja u l-kooperazzjoni informali wara l-avvenimenti u wasslu għal konverġenza akbar tal-approċċi u tal-prattiki. Pereżempju, xi riformi tat-taxxa tfasslu bl-għajjnuna u bil-parir tal-koordinaturi minn pajjiżi oħrajn. L-awtoritajiet tat-taxxa, li pprovdew feedback pożittiv konsistenti dwar il-kapaċità tal-azzjonijiet konġunti li jilhqqu l-oġettivi, indikaw li r-riżorsi limitati tagħhom (ħin u flus) sabiex jinvestu fl-ippjanar, fl-organizzazzjoni u fit-twettiq ta' tali azzjonijiet jissarrfu f'anqas azzjonijiet mingħajr Fiscalis.

L-istess jgħodd għall-attivitajiet ta' taħriġ, speċjalment għall-**moduli ta' e-Apprendiment**, li tejbu l-għarfien tal-uffiċjali nazzjonali tal-amministrazzjoni tat-taxxa u li min-naħa tagħhom għenu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali tat-taxxa jifhmu u jimplimentaw aħjar il-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-UE u l-proċeduri relatati tagħha b'mod aktar uniformi. Dawn jgħinu wkoll fil-kapaċità tal-uffiċjali li jaħdmu bis-sistemi tal-IT. Dawn tejbu l-kapaċità u l-effettività u l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet. Il-valur miżjud tal-moduli ta' e-Apprendiment iffinanzjati minn Fiscalis lil hinn mill-parteċipanti peress li, pereżempju, intużaw ukoll internament għat-tagħlim. In-numru kbir ta' persuni mħarrġa <sup>9</sup> huwa evidenza li tqiesu utli. Dawn l-attivitajiet u l-moduli ta' taħriġ x'aktarx ma kinux jiġu żviluppati, jew tal-anqas mhux bl-istess mod u mill-awtoritajiet kollha, kieku ma kienx stabbilit Fiscalis. Dawn kienu jkunu għaljin wisq, mingħajr l-element tal-iskala. It-taħriġ għen sabiex tiġi stabbilita l-fiduċja u sabiex tinholq viżjoni kondiviża.

Abbażi tal-evidenza ppreżentata u tal-iskala tal-azzjonijiet tal-programm, huwa ġust li jingħad li mingħajr Fiscalis wieħed ma jkollux l-istess skala u ambitu tal-IES, ta' azzjonijiet konġunti u ta' taħriġ li kienu strumentali fl-implimentazzjoni tal-liġi tat-tassazzjoni tal-UE u fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. X'aktarx kien ikun hemm kooperazzjoni iżda din kienet tkun irregolari, ibbażata fuq relazzjonijiet mhux strutturati u meżżi li jieħdu aktar ħin u ftehimiet ta' reċiproċità. Kien ikun diffiċli li jinkisbu l-istess versatilità tas-suġġetti u d-dimensjoni Ewropea jew il-parteċipazzjoni pan-Ewropea fl-azzjonijiet u fit-taħriġ

---

<sup>9</sup> *Id-data* ta' e-Apprendiment tad-DĠ TAXUD

osservati b'Fiscalis 2020. Filwaqt li seta' kien hemm sforzi bilaterali jew multilaterali, dawn ma kinux jibbenefikaw mill-ekonomiji ta' skala ġġenerati minn Fiscalis u l-kost u ż-żmien għall-implimentazzjoni u għaż-żamma tal-azzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kienu jkunu wkoll ogħla/itwal. Fir-rigward tal-IES, Fiscalis 2020 żgura l-iżvilupp u ż-żamma fuq bażi kontinwa ta' tali infrastruttura u sistemi tal-IT. Mingħajr Fiscalis, dawn jistgħu ma jibqgħux jintużaw jew ma jitkomplewx minħabba n-nuqqas ta' riżorsi meta mqabbla mal-kostijiet għoljin. L-ekonomiji ta' skala u t-tnaqqis fil-kostijiet ġenerali jintilfu.

Fiscalis 2020 ħoloq riżultati tanġibbli bħala riżultat ta' sistemi interkonnessi u skambju konsistenti ta' informazzjoni u għen lill-uffiċjali fl-amministrazzjonijiet tat-taxxa jiksbu ħiliet u jiskambjaw esperjenzi permezz ta' firxa wiesgħa ta' azzjonijiet u taħriġ konġunti. Huwa probabbli li ħafna mill-azzjonijiet u mill-outputs tal-programm jispiċċaw u ma jitkomplewx fit-terminu medju mill-anqas meta mqabbla mal-iskala u l-ambitu attwali. In-networks attwali bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa mibnija matul is-snin se jkunu qegħdin jonqsu. B'riżultat ta' dan, l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE tkun anqas armonjuża b'aktar spazju għall-aġenti ekonomiċi sabiex jisfruttaw in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-fruntieri bħala "lakuni" ħalli jevitaw it-taxxi jew iwettqu frodi. Fil-fatt, l-isfidi tal-frodi tat-taxxa ma jistgħux jiġu indirizzati jekk l-Istati Membri ma jħarsux lil hinn mill-fruntieri tat-territorji amministrattivi tagħhom jew jikkooperaw b'mod intensiv mal-kontropartijiet.

Biż-żieda tad-diġitalizzazzjoni, tal-globalizzazzjoni u tal-moviment tal-ħaddiema, l-implimentazzjoni tal-liġi tat-taxxa tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi, l-evitar u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa se jkunu dejjem aktar importanti u b'riżultat ta' dan il-valur miżjud tal-programm x'aktarx li jkompli jiżdied ukoll.

## **5. RILEVANZA TAL-PROGRAMM**

Il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni flimkien joħolqu opportunitajiet u sfidi ġodda għall-kapaċità tas-sistemi tat-taxxa li jiġbru d-dħul mit-taxxa. Dawn jiġġeneraw modi ġodda ta' ħidma (xogħol ibridu u remot) u jwettqu negozju (mingħajr preżenza fiżika) li ma humiex kompletament konformi mal-mod kif għadhom jifasslu s-sistemi tat-taxxa u kif l-awtoritajiet tat-taxxa jwettqu l-attivitajiet tagħhom. Dawn jistgħu joħolqu wkoll potenzjal għall-evitar jew għall-evażjoni tat-taxxa jekk l-amministrazzjonijiet u s-sistemi tat-taxxa ma jlaħħqux mal-bidla.

Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, kienet diġà ġiet adottata firxa ta' bidliet leġiżlattivi relatati mat-taxxa matul il-perjodu 2014-2020 u l-azzjonijiet ta' Fiscalis 2020 appoġġaw mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dawn l-inizjattivi. Pereżempju, il-bidliet fir-regoli tal-2015 dwar il-VAT kienu akkumpanjati mill-introduzzjoni tal-hekk imsejħa sistema MOSS sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ transfruntier fis-servizzi diġitali. Id-Direttivi dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva ġew introdotti sabiex jiffaċilitaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u sabiex jiżguraw il-ħlas ġust tat-taxxi għall-kontribwenti (individwali jew entitajiet) li jiġġeneraw introjtu f'attivitajiet transfruntiera. Saret ħidma

preparatorja sabiex jiġi introdott appoġġ tal-IT għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku, li saret operazzjonali fl-1 ta' Lulju 2021.

Ix-xejra qiegħda hemm sabiex tibqa', u l-awtoritajiet u l-operaturi ekonomiċi se jkollhom ilaħħqu mad-dinja dejjem aktar diġitalizzata u globalizzata. Dan jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-amministrazzjoni tat-taxxa u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-awtoritajiet nazzjonali u għalhekk **ir-rilevanza tal-programm sabiex jappoġġa lill-Istati Membri fid-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-proċeduri**. Minħabba s-suċċess tiegħu fl-imġoddi, il-programmi Fiscalis futuri jinstabu li jibqgħu rilevanti sabiex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-Istati Membri permezz ta' sistemi tal-IT, azzjonijiet konġunti u taħriġ u bħala tali jikkontribwixxu għall-funzjonament effettiv u effiċjenti tas-suq intern f'dan il-kuntest.

Hija u tħares lejn ir-rilevanza, l-evalwazzjoni eżaminat il-ħtiġijiet tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa nazzjonali u tal-operaturi ekonomiċi. L-evalwazzjoni finali wriet li **l-programm għadu kemm rilevanti kif ukoll meħtieġ**. Tabilħaqq, Fiscalis 2020 tqies **li huwa rilevanti ħafna sabiex jindirizza l-isfidi ewlenin tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa u jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom**. L-infrastruttura u s-sistemi tal-IT ġew irrapportati li huma rilevanti ħafna għax-xogħol ta' kuljum tal-uffiċjali tat-taxxa, peress li huma l-pjattaformi ta' komunikazzjoni ewlenin li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiskambjaw *data* rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi u l-evalwazzjoni tat-taxxa u għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE. Dan min-naħa tiegħu jrawwem assistenza u koordinazzjoni fuq bażi reċiproka. It-taħriġ u l-azzjonijiet konġunti huma kkunsidrati wkoll rilevanti sabiex titejjeb il-kapaċità amministrattiva bħall-bini tal-għarfien u n-networking. Permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, prattiki tajbin u linji gwida, Fiscalis jappoġġa t-tfassil tal-politika u l-applikazzjoni aktar ugwali u prevedibbli tad-dritt tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi, l-evalwazzjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta huma kruċjali **għall-operaturi ekonomiċi** sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, il-piż amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet tal-konformità mat-taxxa jistgħu jipprevjenu lil xi negozji milli jwettqu attivitajiet ekonomiċi, b'mod partikolari bejn il-fruntieri. Is-sistemi tal-IT ta' Fiscalis tqiesu partikolarment rilevanti għall-operaturi ekonomiċi, bis-simplifikazzjoni tal-konformità billi jagħmlu l-informazzjoni disponibbli faċilment jew pereżempju jtaffu l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji li jipprovdu servizzi tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir u elettroniki billi jevitaw il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT f'kull pajjiż fejn jiġu pprovduti s-servizzi (u jżidu l-konformità mat-taxxa).

Xi awtoritajiet tat-taxxa ssuġġerew li Fiscalis jista' jappoġġa l-ħolqien ta' bażi tad-*data* dwar l-iżviluppi leġiżlattivi tal-Istati Membri fil-qasam tat-taxxa, li tkopri żviluppi emerġenti li jaffettwaw it-tassazzjoni bħal pereżempju l-muniti virtwali. Il-koordinaturi ta' Fiscalis fil-pajjiżi kandidati indikaw il-kapaċità limitata tagħhom li jibbenefikaw bis-sħiħ minn azzjonijiet ifffinanzjati minn Fiscalis minħabba n-natura orjentata lejn l-UE. Dan iżid mal-fatt li dawn il-pajjiżi ma għandhomx aċċess għas-sistemi kollha tal-IT, li jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jieħdu sehem f'komponenti ta' taħriġ relatati.

## 6. KONKLUŻJONIJIET U TAGĦLIMIET MEĦUDA

L-evalwazzjoni wriet li l-programm kien effettiv fl-ilħuq tal-objettivi tiegħu li jippermetti skambju sigur ta' informazzjoni, jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva u jsahha il-kapaċità amministrattiva tal-pajjiżi parteċipanti. Min-naħa tiegħu, huwa appoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxa sabiex jiġu miġġielda l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Fiscalis 2020 ikkontribwixxa għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u l-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa permezz tal-iżvilupp u taż-żamma tal-infrastruttura u s-sistemi tal-IT tal-UE, l-azzjonijiet konġunti u l-attivitajiet ta' taħriġ komuni. Fiscalis ikkontribwixxa għal approċċi aktar armonizzati u proċeduri ssimplifikati, billi naqqas il-piżijiet amministrattivi u l-kost tal-konformità għall-kontribwenti.

Permezz tal-infrastruttura u s-sistemi tal-IT li għen sabiex jiżviluppa u jżomm, Fiscalis tejjeb l-informazzjoni disponibbli u assigura skambji ta' informazzjoni. Bis-sostituzzjoni ta' kontrolli manwali u bl-użu ta' analitika avvanzata tad-*data* u billi ppermetta kontrolli aktar faċli bejn il-pajjiżi, dan ippermetta identifikazzjoni aħjar ta' każijiet potenzjali ta' frodi, b'mod aktar effiċjenti. Jista' jkollu wkoll effett ta' deterrenza, billi jżid il-konformità u jipprevjeni l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Filwaqt li huwa diffiċli li tiġi stabbilita l-kawżalità, l-istudju ta' evalwazzjoni wera li bosta mill-indikaturi ewlenin dwar il-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa juru sinjali ta' titjib matul id-durata tal-programm.

L-evidenza vvalutata mill-evalwatur estern indikat li l-azzjonijiet konġunti u t-taħriġ rawmu l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa u pprovdew spazju għall-iskambju ta' ideat fost il-kontropartijiet jekk ġiet identifikata hteġa speċifika. Huma ħolqu networks għall-awtoritajiet tat-taxxa parteċipanti (inklużi networks informali lil hinn mill-avvenimenti tal-programm), li jippermettu aktar koordinazzjoni u kondiviżjoni tal-għarfien, irawmu apprendiment reċiproku u jwasslu f'xi każijiet għal kooperazzjoni bejn il-pajjiżi fl-implimentazzjoni tar-riformi tat-taxxa. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien permessi mill-programm ikkontribwew għal fehim aħjar u aktar komuni tal-leġiżlazzjoni u għalhekk għall-implimentazzjoni aktar koerenti tagħha. Fi kliem ieħor, il-programm Fiscalis jipprovdid qafas li fih jiġu żviluppati attivitajiet ta' kooperazzjoni (azzjonijiet konġunti) mal-awtoritajiet parteċipanti f'haġna każijiet responsabbli sew għall-organizzazzjoni tad-diversi aspetti ta' azzjoni konġunta.

Minn perspettiva ta' effiċjenza, u minkejja d-diffikultajiet fil-kejl tal-benefiċċji u fl-istabbiliment tal-kawżalità, ir-riżorsi investiti f'Fiscalis 2020 u l-komponenti tiegħu tqiesu li kienu utli meta jitqiesu r-riżultati miksuba. Fi kliem ieħor, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-programm kien ipprovdid valur għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-UE u daww nazzjonali b'kost raġonevoli. Fiscalis 2020 kien allinjat u koerenti mal-objettivi politiċi ġenerali tal-Kummissjoni, speċjalment mal-istrateġija Ewropa 2020. Huwa adatta b'mod flessibbli għall-prijoritajiet li qegħdin jinbidlu u

għal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u jissodisfa r-rwol tiegħu bħala programm ta' finanzjament li jappoġġa l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE dwar it-tassazzjoni.

L-evalwazzjoni qieset li Fiscalis x'aktarx se jkompli jkun għodda rilevanti fil-livell tal-UE sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-taxxa u l-għieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa f'dinja li qiegħda tinbidel, fost l-oħrajn, minħabba t-tixjiħ, id-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni u għalhekk toħloq sfidi għas-sistemi u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Fil-fatt, Fiscalis jibqa' strument rilevanti sabiex jiffinanzja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-infrastruttura u tas-sistemi tal-IT fil-qasam tat-tassazzjoni, filwaqt li jesplora l-ekonomiji ta' skala. Dawn huma intensivi fir-riżorsi u jkun diffiċli għall-pajjiżi kollha li jkollhom l-istess ambitu u skala pprovduti mill-programm tal-UE. Fiscalis intwera wkoll li huwa utli sabiex jippermetti l-koordinazzjoni u l-apprendiment reċiproku bejn il-pajjiżi. Is-sistemi tal-IT, l-azzjonijiet konġunti u l-attivitajiet ta' taħriġ kollha għandhom rwol, b'mod komplementari, fl-ilħuq tal-oġettivi ta' Fiscalis. Il-komponenti ta' Fiscalis isaħħu lil xulxin. L-evalwazzjoni wriet kunsens wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin li Fiscalis 2020 kien meħtieġ, rilevanti u kien jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tal-atturi ewlenin. Għalhekk, it-tfassil tal-programm tqies li huwa adegwat għall-użu tiegħu u għandu jinżamm.

Madankollu, l-evalwazzjoni indikat ukoll xi oqsma fejn jista' jsir titjib. Is-sejbiet jindikaw li s-sistemi tal-IT ivvalutati fl-istudju qegħdin jiġġeneraw benefiċċji li jisbqu l-kostijiet, f'termini ta' simplifikazzjoni, detezzjoni potenzjali ta' frodi u konformità mal-liġi tat-tassazzjoni. Madankollu, l-evidenza dwar il-kostijiet u l-benefiċċji hija dgħajfa, u jista' jkun utli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri li jesploraw modi sabiex ikejlu aħjar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-investimenti li jkunu saru. *Data* aktar komprensiva dwar il-kostijiet (investimenti fis-sistemi tal-IT) u l-benefiċċji (dħul mit-taxxa miġbur, simplifikazzjoni) jistgħu jikkontribwixxu għal aktar prijoritizzazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet. Għandu jiġi nnotat ukoll li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet imġarrba mill-programm Fiscalis fil-qasam tal-IT jikkonsistu prinċipalment fl-interkonnessjoni ta' 27 sistema tal-IT nazzjonali eteroġeni permezz ta' skambji ta' messaġġi minflok l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ċentrali bbażati fuq il-kondiviżjoni tad-*data*. Din id-deċiżjoni arkitettonika ssegwi l-bażi ġuridika miftiehma tas-Sistemi ta' Informazzjoni Ewropej tat-Tassazzjoni korrispondenti. Madankollu, dan jista' jwassal għal kostijiet oġhla fil-livell tal-UE filwaqt li jillimita l-kapaċità tal-ipproċessar tad-*data* bil-possibbiltà ta' impatt fuq il-proporzjon kostijiet-benefiċċji.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tirrapporta li l-pajjiżi mhux tal-UE ħassew li għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw f'sett usa' ta' attivitajiet peress li huma rilevanti ħafna u xierqa, u b'hekk jagħmlu l-investimenti finanzjarji tagħhom saħansitra aktar utli. Wieħed għandu jinnota li s-servizzi tal-Kummissjoni diġà għamlu passi sabiex jindirizzaw dan fil-programm Fiscalis 2021-2027 il-ġdid, billi jiżguraw li jintbagħtu stedinet lil pajjiżi parteċipanti mhux tal-UE, sakemm ma jkunx iġġustifikat mod ieħor.

Barra minn hekk, filwaqt li Fiscalis 2020 tqies koerenti u konsistenti mal-prijoritajiet tal-UE u jikkomplementa b'mod xieraq programmi oħrajn ta' finanzjament bħal Dwana 2020 u l-

Programm ta' Appoġġ għar-Riformi Strutturali (issa l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku), hemm lok sabiex jittejbu s-sinerġiji ma' Ercole III. Il-koordinazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni tqieset bħala tajba iżda l-evalwazzjoni enfasizzat l-importanza li jkomplu jiġu esplorati modi sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar ma' servizzi oħrajn fid-dawl ta' dinja li qiegħda tinbidel malajr.

L-evalwazzjoni wriet ukoll li l-ħidma tkompli f'termini tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u għall-futur. Wara l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni stabbiliet pjan ta' azzjoni intern bi 13-il oqsma ta' azzjoni sabiex tindirizza t-13-il rakkomandazzjoni, li kienu jinkludu 48 sottoazzjoni. F'Marzu 2022, il-maġġoranza l-kbira (75 %+ ) tal-azzjonijiet tlestew u bosta għadhom għaddejjin. B'mod partikolari, il-“Monitoraġġ u r-rapportar” u l-“Komunikazzjoni” huma ż-żewġ oqsma ewlenin li fihom il-ħidma għadha għaddejja. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi u tagħmel ħilitha sabiex tindirizzahom fl-ambitu tal-implimentazzjoni tal-programm Fiscali 2021-2027 jew fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha wkoll sabiex ittejjeb u taġġusta fuq bażi kontinwa l-Programm għal realtazjiet ġodda kif rilevanti lil hinn mir-rakkomandazzjonijiet inklużi f'din l-evalwazzjoni u b'mod partikolari fid-dawl tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu futura.